



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 76/24

il-Lussemburgu, 30 ta' April 2024

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-178/22 | Procura della Repubblica presso il Tribunale di Bolzano

Privatezza u prosekuzzjoni ta' reati serji: il-Qorti responsabbli għall-awtorizzazzjoni tal-aċċess għar-reġistri telefoniċi sabiex jiġu identifikati l-awturi ta' reat, li fil-prosekuzzjoni tiegħu l-liġi nazzjonali tipprevedi tali aċċess, għandha tkun awtorizzata tirrifjuta jew tirrestrinġi dan l-aċċess

Skont il-liġi Taljana, ir-reat ta' serq aggravat jagħmel parti mir-reati li jiġġustifikaw il-ksib ta' reġistri telefoniċi mingħand fornitur ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi fuq awtorizzazzjoni minn qabel ta' mħallef. Il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li aċċess għal tali reġistri jista' jingħata biss għal data ta' persuni suspettati li jkunu involuti f'reat serju u tispeċifika li hija r-responsabbiltà tal-Istati Membri li jiddefinixxu "reati serji". Madankollu, il-qorti responsabbli għall-awtorizzazzjoni ta' dan l-aċċess għandha tkun awtorizzata tirrifjuta jew tirrestrinġi l-imsemmi aċċess meta tikkonstata li l-indiġid fid-drittijiet fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali kkawżat mill-imsemmi aċċess ikun gravi meta jkun manifest li r-reat inkwistjoni ma jkunx serju fid-dawl tal-kundizzjonijiet soċjali prevalenti fl-Istat Membru kkonċernat.

Fil-kuntest ta' investigazzjoni kriminali dwar is-serq aggravat ta' żewġ telefoni mobbli, l-Uffiċċju tal-Prosekutur ta' Bolzano (L-Italja) talab lill-qorti Taljana l-awtorizzazzjoni li tiġbor mingħand il-kumpanniji telefoniċi kollha r-reġistri telefoniċi tal-apparat misruq sabiex tkun tista' tidentifika l-persuni ħatja tas-serq. Il-Qorti Taljana kellha dubji dwar il-kompatibbiltà tal-liġi Taljana, li fuqha kienet ibbażata din it-talba, mad-Direttiva tal-Unjoni "ħajja privata u komunikazzjonijiet elettroniċi" ¹, minħabba li din il-liġi kienet tidher intiża għall-prosekuzzjoni ta' reati, li jikkawżaw disturb soċjali limitat, li ma jiġġustifikawx indiġid serju fid-drittijiet fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali u li l-qorti Taljana ma għandhom ebda marġni ta' diskrezzjoni fir-rigward tal-gravità konkreta tar-reat ikkonċernat.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li l-indiġid f'dawn id-drittijiet fundamentali kkawżat mill-aċċess għal reġistri telefoniċi jista' jiġi kklassifikat bħala serju u tikkonferma li tali aċċess jista' jingħata biss għad-data ta' persuni ssuspettati li jkunu involuti f'reat serju. Hija tippreċiża li huma l-Istati Membri li għandhom jiddefinixxu "reati serji" għall-finijiet tal-applikazzjoni tad-direttiva inkwistjoni. Fil-fatt, il-leġiżlazzjoni kriminali taqa' taħt il-kompetenza tal-Istati Membri sakemm l-Unjoni ma tkunx illeġiżlat f'dan il-qasam.

Madankollu, l-Istati Membri ma jistgħux jiżnaturaw dan il-kunċett u, b'estensjoni, dak ta' "kriminalità serja", billi jinkludu fih reati li ma jkunx manifestament serji, fid-dawl tal-kundizzjonijiet soċjali tal-Istat Membru kkonċernat, minkejja li l-leġiżlatur ta' dan l-Istat Membru ppreveda li dawn jiġu ssanzjonati b'piena massima ta' priġunerija ta' mill-inqas tliet snin. Il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża, f'dan ir-rigward, li limitu stabbilit b'riferiment għal tali piena ma jidhix, f'dan ir-rigward, li huwa eċċessivament baxx. Barra minn hekk, l-iffissar ta' limitu li minnu l-piena ta' priġunerija li għaliha huwa punibbli reat tiġġustifika li dan jiġi kklassifikat bħala reat serju ma huwiex neċessarjament kuntrarju għall-prinċipju ta' proporzjonalità.

Sabiex b'mod partikolari tiġi vverifikata l-assenza ta' żnaturament tal-kunċett ta' "kriminalità serja", huwa madankollu essenzjali li, meta l-aċċess għad-data miżmuma jinvolvi r-riskju ta' ndħil serju fid-drittijiet fundamentali tal-persuna kkonċernata, dan l-aċċess ikun suġġett għal sħarriġ minn qabel imwettaq, jew minn qorti, jew minn entità amministrattiva indipendenti.

Barra minn hekk, il-qorti jew l-entità amministrattiva indipendenti li twettaq dan il-kontroll minn qabel għandha tkun awtorizzata tirrifjuta jew tirrestrinġi dan l-aċċess meta hija tikkonstata li l-indħil fid-drittijiet fundamentali ikun gravi meta jkun manifest li l-ksur inkwistjoni ma jaqax effettivament taħt il-kriminalità serja fir-rigward tal-kundizzjonijiet soċjali prevalenti fl-Istat Membru kkonċernat. Fil-fatt, hija għandha tkun f'pożizzjoni li tiżgura bilanċ ġust bejn il-bżonnijiet tal-investigazzjoni u d-drittijiet fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qorti tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ u, fejn applikabbli, is-sommarju](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-ġhoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!



¹ [Direttiva 2002/58/KE](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika).